# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 537/01**

**Numru 30**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Karen u Paul konjugi Azzopardi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin liri Maltin u tminja u sittin centezmi (Lm321.68) liema somma hija dovuta skond erba (4) kambjalijiet (004 sa 007) iffirmati mill-istess konvenuti, li kopja taghhom giet esebita mal-atti, liema kambjalijiet skadew izda baqaw ma thallsux, nonostante li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 4 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzoni u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

Wara li gie notat li l-kambjalijiet imsemmija fl-avviz ma humiex esebiti "in atti".

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm321.68,0 mill-4 ta' Mejju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Mejju 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg